# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

***Minuti tal-Laqgħa Numru 40 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 1 t'Ottubru 2013 fis- 6.00 p.m.***

***Preżenti***

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A. Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |

**40/01 Talba**

40/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.10 billi ntqalet it-talba.

**40/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 38 u tal-Minuti tal-Laqgħa b'Urġenza Numru 39.**

40/02/01 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u ffirmati l-Minuti 38/06. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) iffirmaw il-Minuti 38/06.

40/02/02 Is-Sindku ippropona li l-minuti tal-Laqgħa b'Urġenza 39 li s-SE kienet iċċirkulat lill-Kunsillieri dakinhar stess jiġu emendati. Hu spjega li l-emendi li xtaq iressaq kienu sostanzjali għaliex fil-fehma tiegħu l-minuti li saru mis-SE ma kienux jirriflettu sew dak li ntqal u ġie deċiż mill-Kunsill fil-laqgħa numru 39. Minħabba l-ammont sostanzjali ta' emendi hu kien ipprepara bil-miktub kif għandhom jiġu emendati l-Minuti u talab il-permess tal-Kunsill li jippreżenta kopja ta' kif għandhom jiġu emendati l-Minuti. Il-Kunsill unanimament approva t-talba tas-Sindku. Inqraw l-emendi. Il-Kunsill unanimament approva li l-Minuti tal-Laqgħa 39 jiġu emendati kif propost mis-Sindku.

Is-SE infurmat lis-Sindku u lill-Kunsillieri li hija ma kienitx ser tiffirma l-minuti kif emendati peress li ma kienux il-minuti tagħha. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din l-interpretazzjoni u nsista li s-S.E. għandha temenda l-Minuti li kienet oriġinarjament ippreparat hi skont kif issa approvat mill-Kunsill sabiex il-minuti kif emendati jkunu jistgħu jiġu ffirmati u jkunu l-Minuti finali.

**40/03/01 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Nru. 38 u tal-Laqgħa b'Urġenza Nru 39**

40/03/01 **Para 38/03/01:- Tender ta' Rampa fi Ġnien il-Paċi**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE u l-Kunsillier Christopher Fenech ltaqgħu mal-Perit u talbuh sabiex jipprepara l-ispeċifikazzjonijiet għas-sejħa għall-provista u nstallazjoni tal-*lifter*. Il-Perit ser jieħu ħsieb ukoll li jikteb lill-MEPA rigward il-permessi neċessarji sabiex jiġi installat dan il-*lifter*. Is-SE intalbet sabiex isegwi mal-Perit kif ukoll toħrog is-sejħa għall-offerti.

40/03/02 **Para 38/03/02:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-Sindku nforma li d-Dipartiment tal-Artijiet qed jirrevedi l-kuntratt tal-kera u suppost dalwaqt għanda nirċievu risposta. Is-SE

intalbet sabiex isegwi.

40/03/03 **Para 38/03/03:- Tender Nru T-03/13-24** - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq Ġnien il-Paċi ser ikun lest sa l-aħħar t'Ottubru. Rigward it-talba li saret lill-Onor Buontempo konna ġejna infurmati li t-talba tagħna kienet ġiet mgħoddija lill-Kunsill Malti għall-Isport ħalli jaraw jekk hemmx xi skema li nistgħu nibbenifikaw minnha. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser isegwi din il-materja.

40/03/04 **Para 38/03/04:- Fanal Sqaq il-Ħofra:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għad irid jiħi ikkonfermat jekk tixtax tehel din il-bozza minhabba d-distanza kif ukoll jekk hemmx bzonn li jehel arblu. Is-SE ser tkompli issegwu u tinforma lill-Kunsill dwar dan.

40/03/05 **Para 38/03/05 Ġnien tal-Ponta**: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Perit Grech bgħatt il-*Second Progress Payment Request* imma l-*Progress Report* għadu ma ntbgħatx. Is-SE ser tkompli issegwu. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li l-kuntratt tax-xogħol ma jkopriex il-provvista ta' bankijiet u *bins*. Ġie unanimament deċiż li tinħareg sejħa għall-kwotazzjoni għal din l-għamara għall-ġnien.

40/03/06 **Para 38/03/06 *Crash Barrier* eċċ.** Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Koptasin kienu waħħlu ix-*chevron signs* u t-tabelli tal-*cul-de-sac*. Ġie unanimament deċiż li s-SE tibghat il-kontijiet tal-*crash barrier* minghand Koptasin flimkien mal-irċevuti fiskali lid-DGL.

40/03/07 **Para 38/03/07 Arriva**: Is-SE nfurmat lill-Kunsill li komplew jidħlu ħafna ilmenti u jidher li s-servizz fuq rotta 136 mhux qed jingħata kif suppost. Dawn l-ilment ġew mgħoddija lil-TM u s-SE reġgħet bgħatet ukoll *reminder* dwar ir-rotta 225. Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li hu kellhu mal-Ministru l-Onor J. Mizzi dwar it-trasport pubbliku. Ġie unanimament deċiż li meta jitħabbru r-rotot il-ġodda l-Kunsill jinsisti li r-rotta l-ġdida għandha tkun bħal ma kienet qabel ir-rotta numru 55 u jkollna ukoll servizz għall-Mosta u Mater Dei.

40/03/08 **Para 38/03/17**:- **Triq San Gwann**: Il-Kunsillier Vincent Galea u s-SE għandhom jiktbu lit-TM dwar Triq San Gwann kif ukoll sabiex isiru sinjali ġodda ġdejn ir-*roundabout* ta' Triq Jean De La Valette (Birguma Bypass).

40/03/09 **Para 38/03/11**: ***'Invitation to Information Session – Measure 313'***. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*Majjistral Action Group* ma aċċettax l-applikazzjoni li nbgħatet *bl-email* peress li din ma ntbħhatitx *by hand*. Is-SE qalet li fl-*amended guidelines* ma kien hemm imkien li l-applikazzjoni trid tittieħed *by hand* u hija kienet talbet għall-estenzjoni peress li mill-laqgha preċedenti għall-egluq tal-applikazzjoni kien hemm biss ftit jiem. Hija kienet appellat għad-deċiżjoni tal-Bord. Il-Kunsill, filwaqt li wera d-dizappunt tiegħu li din l-applikazzjoni ma kienitx ġiet aċċettata, talab lis-SE biex terġa tara d-dokumenti u tikkonferma eżatt x'hemm miktub dwar kif għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni u jekk verament m'hemmx li din suppost ġiet sottomessa *by hand* issir oġġezzjoni u ninsistu li l-applikazzjoni tiġi aċċettata.

40/03/10 **Para 38/03/13 *Aerobics***: Il-Kunsill unanimament qabel li jiġi emendat il-ftehim mal-*Health Promotion Unit* dwar il-korsijiet tal-*Aerobics* matul l-2014 meta ser isiru 3 programmi. Is-Sindku u s-SE ġew awtorizzati sabiex jiffirmaw dan il-ftehim f'isem il-Kunsill.

40/03/11 **Para 38/03/14:- Lift tal-Ufficcju tal-Kunsill**: Is-S.E. infurmat li t-*technician* mill-*Artech Aftersales* kien Ġie biex jsewwi l-lift peress li kien bil-ħsara wara li kienu saru xi xogħolijiet fuqu. Il-linja tat-telefon għada ma ġietx installata. Is-SE għandha tkompli issegwi dan ix-xogħol.

40/03/12 **Para 38/03/15**: **Approvazzjoni tal-*Financial Quarterly Return*** : Is-SE infurmat li l-*Management accounts* sa Ġunju 2013 ser ikunu lesti sa laqgħa oħra tal-Kunsill. Il-Kunsill insista li dawn jitlestew malajr halli jibda x-xogħol fuq il-*Management accounts* sal-aħħar ta' Settembru li jridu jaslu għand-DLG sal-15 t'Ottubru.

40/03/13 **Para 38/03/19 : Laqgħa għall-Għaqdiet Volontarji:** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) ser jorganizza l-laqgħa għall-Għaqdiet Volontarji tal-Għargħur nhar il-21 t'Ottubru. Il-MCVS għandhom jibgħatu l-inviti u s-SE tieħu ħsieb li taddihom lil kull għaqda.

40/03/14 **Para 38/05/02 : *Talba numru181130003197825*** - Talba għal linja safra fi Triq Caravaggio - Din it-talba diga Ġiet investigata pero trid tinĠieb aktar informazzjoni qabel mal-Kunsill ikun jista jiddeciedi.

40/03/15 **Para 38/05/03: *Talba numru 18113015198208*** - Talba sabiex titpoġġa statwa tal-Madonna fil-Ġnien tal-Ponta. Il-*Paying Agency* kienu infurmaw lill-Kunsill li huma ma għandhomx oġġezzjoni li titqiegħed statwa tal-Madonna fil-Ġnien tal-Ponta. Il-Perit tal-Kunsill għad irid jikkonferma jekk hemmx bżonn li jinġieb il-permess tal-MEPA.

40/03/16 **Para 38/06/01:** Korrispondenza mingħand ir-Regjun Tramuntana dwar servizz ta' *Eco Wardens*. Is-S.E. ser tieħu hsieb tinforma lir-Regjun bid-dettalji.

40/03/17 **Para 38/06/05**: Korrespondenza rigward l-iskema Inizjattivi Sportivi Kunsilli Lokali 2013 Memo 49/2013 għall-*After School Programme.* Is-S.E. infurmat li għad trid tagħmel kuntatt mas-Sur Kyle Polidano, Koordinatur ta' dan il-programm sabiex jibgħat l-applikazzjonijiet għall-istudenti u tiffinalizza kollox sabiex ikun jista jibda dan il-programm.

40/03/18 **Para 38/06/08:** Il-Kunsillier Alfred Muscat ikkonferma li n-*nurse* Mark Pullicino kien aċċetta li jamministra t-titqib. Il-Kunsillier Muscat ser jieħu ħsieb iġib il-*vaccines* mid-Dipartiment u jikkoordina l-għoti tat-titqib.

40/03/19 **Para 38/07/04**: Is-SE infurmat li għad trid toħroġ is-sejħa għal stimi ħalli fi Triq San Bartilmew u fil-Pjazza tal-Knisja jintrama d-dawl dekorattiv fix-xahar tal-Milied. Il-Kunsillier Alfred Muscat għad irid jagħmel l-arrangamenti sabiex tintrama siġra tal-Milied fil-pjazza u jinxtraw il-ponsietti.

40/03/20 **Punti mtella' mill-Minuti numru 39**: Fir-rigward ta' punti imtellgħa mill-laqgħa numru 39 is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE kienet kitbet lid-Direttur tad-DGL rigward il-kaz tal-*access rights* għall-*generic email* tal-Kunsill. Il-Kunsill innota r-risposta mid-DLG :- "B'referenza għall-imejl tiegħek ġentilment ninfurmak li skont artiklu 52(1), Is-Segretarju Eżekuttiv huwa l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill. Ġaladarba l-imejl ġenerali tal-Kunsill huwa parti mill-għodda tal-amministrazzjoni, dan

għandu jkun amministrat biss mill-amministrazzjoni u għandu jkun biss is-Segretarju Eżekuttiv li jawtorizza aċċess fuq dan l-istess imejl.

Kemm il-darba isir ftehim bejn is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku biex jingħataw aċċessi oħra barra l-amministrazzjoni, dan id-Dipartiment ma jsib ebda oġġezzjoni iżda r-responsabbilta' tal-imejl tibqa' dejjem f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv."

Rigward il-korrispondenza bl-email s-SE spjegat li hija ser tieħu hsieb li kopji tal-emails li jidħlu fuq il-*generic email* jintbagħtu lis-Sindku. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ma dan l-arranġament li joqgħod jirċievi kull *email* li tidħol il-Kunsill. L-emails li jidħlu għandhom, kif sar dejjem, jitpoggew fil-file *IN* ħalli jkunu għad-disposizzjoni tal-Kunsillieri kollha. Is-SE infurmatu li jekk jirċievu xi *emails* importanti li jirrigwardjaw attenzjoni immedjata, dawn se jintbgħatu lilu.

**40/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

40/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash.*

**40/05 Ilmenti u Suggerimenti**

40/05/01 ***Ilment numru 181130831989 86*** - Talba għal *double yellow line* fit-tarf tal-iSqaq Nru 1 fi Triq San Nikola. Il-Kunsill innota li dan l-ilment diġa ġie ikkunsidrat fil-passat u r-resident kien ġie infurmat li meta jsib l-aċċess għal garaxx tiegħu mblukkat għandu jitlob l-assistenza tal-Pulizija. Importanti li mal-bieb tal-garaxx ikun hemm tabella li turi li l-post jintuża bħala garaxx. Rigward li jsiru linji sofor il-Kunsill ma jaqbilx għaliex jista' jiġi interpretat li jista' jsir ipparkjar ta' vetturi aktar il-gewwa fl-isqaq u peress li dan is-sqaq hu dejjaq jirriċulta f'problema ta' aċċessibilta'.

40/05/02 ***Ilment numru 18113022199042*** - Talba ta' resident li għandu *garage f'Coral Sky Flats,* fi Triq Katerina Sammut kantuniera ma' Triq Demetriju Farrugia sabiex faċċata tal-garaxx tiegħu isiru l-*parking bays* peress li meta jkun hemm vetturi ipparjati (*nose to kerb)* ma jkunx jista' jidħol jew joħroġ mill-garaxx tiegħu. Il-Kunsill unanimament qabel li din it-talba tiġi investigata ħalli tinkiseb aktar informazzjoni qabel tittieħed deċiżjoni finali. Il-Kunsillier Vincent A. Galea offra li jmur fuq il-post flimkien mas-S.E.

40/05/03 Il-Kunsillier Christopher Fenech issuggerixxa li jitwaħħlu 2 tabelli għall-ħarsien tal-qanfud fi Triq Għaxqet l-Għajn u 2 tabelli oħra sabiex jintuża l-*bins* u l-iskart ma jintramax fl-art. Dawn is-suġġerimenti ġew approvati unanimament mill-Kunsill. Ġie unanimament deċiż ukoll li l-*bins* li nqalgħu minn Ġnien il-Paċi jitwaħħlu fi Triq Għaxqet l-Għajn. Is-Sur Fenech għandu juri lill-ħaddiem tal-Kunsill fejn iridu jitwaħħlu l-*bins.* Is-SE għandha ssegwi dan ix-xogħol u toħrog *purchase order* fir-rigward tat-tabelli.

**40/06 Korrispondenza**

40/06/01 Korrispondenza dwar *InfoNitrates Information Meeting.* Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-laqgħa ser issir fit-8 t'Ottubru għal bdiewa u raħħala u l-Ministeru se juża l-bitħa tas-Sala

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

Parrokkjali.

40/06/02 Korrispondenza dwar is-Servizz tas-Saħħa fil-Kommunita'. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

40/06/03 Korrispondenza mill-MEPA dwar diversi applikazzjonijiet għall-izvilupp. Din ġiet innota mill-Kunsill.

40/06/04 Korrrispondenza mid-Dipartiment tal-Kura Primarja rigward *Influenza Vaccines for the 2013 Campaign*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

40/06/05 Korrispondenza mill-Ministeru għal-Familja u Solidarjeta' Socjali rigward Kors tal-Kompjuter għall-Anzjani. Din ġiet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Alfred Muscat irrefera din il-korrispondenza lis-SKAPD.

40/06/06 Korrispondenza mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-MEPA rigward Talking Point – Development Planning (Use Classes) Order 2013 u Agħti Sehemek - Konferenza MEPA. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

40/06/07 Korrispondenza mill-MEPA rigward PA/02721/13. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

40/06/08 Korrispondenza mill-MEPA rigward *Policy for Solar Farms (objectives).* Din ġiet innotata mill-Kunsill. Għalissa l-ebda azzjoni mhi se tittieħed.

40/06/09 Korrispondenza dwar l-20 Sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

40/06/10 Korrispondenza mill-MCVS rigward *meetings with local Councils re NGOs*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

40/06/11 Korrispondenza mill-AKL dwar *Defending Local Government*. Din ġiet innotata mill-Kunsill.

40/06/12 Korrispondenza mill-AKL rigward Cirkulari 64/2013 – Progett SEEMORE – Seminar dwar Mobilita' Sostenibbli ġiet innotata mill-Kunsill.

**40/07 Materji Oħra u Mistoqsijiet**

40/07/01 Il-Kunsill unanimament approva l-hlasijiet li għandhom jintalbu sabiex isiru reklami fil-fuljett li joħroġ il-Kunsill skont din l-iskeda:-

| Size of art work | Type | € |
|---|---|---|
| | | |
| 1/4 page | b/w | 30 |
| 1/4 page | colour | 45 |
| 1/2 | b/w | 50 |
| 1/2 | colour | 70 |
| full page | b/w | 80 |
| full page | colour | 100 |

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

40/07/02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kien talab lis-SE sabiex toħroġ *default notice* lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart peress li kienu hemm nuqqas ta' osservanza tat-termini tal-kuntratt. Is-SE nfurmat li ma ħarġitx din id-*default notice* imma ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex ma jibqax iġemma l-boroz taż-żibel fl-ebda parti f'Hal Għargħur u biex jibqa' mal-ftehim li sar mal-Kunsill li juża van zgħir jew juża *bins on wheels* sabiex jiġbor l-iskart minn ħdejn il-bibien tar-residenti fit-toroq fejn ma jidħolx it-trakk.

40/07/03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa attenda l-Laqgħa tas-Sindki. Fost l-oħrajn kien hemm diskussjoni dwar is-swieq fil-beraħ u r-*Residents Parking Scheme*. Issemmew ukoll id-devoluzzjoni tal-bereġ fejn l-AKLM talbet għall-iżjed fondi, skema sabiex jiġu impjegati persuni żvantaġġjati jew b'disabilita', l-iStrateġija dwar il-Maniġġjar tal-Iskart; iċ-ċelebrazzjonijiet tal-20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, r-riforma tal-*Monitoring Unit* u l-importanza li l-Kunsilli jiffinalizzaw l-arranġamenti għall-*EPOS u l-internet banking*. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex tiffinalizza mingħajr aktar dewmien dawn l-arranġamenti mal-banek.

40/07/04 Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li nhar il-Ħadd 13 t'Ottubru s-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ ser jorganiżża *Clean Up* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill unanimament approva din l-inizjattiva u irringrazzja lis-Sotto Kumitat Żgħażagħ. Ġie unanimament deċiż li jixtraw l-affarijiet meħtieġa bħal ingwanti, għodda eċċ. kif ukoll s-SE għandha titlob lil *Public Cleansing Department* sabiex jipprovdu *skip* u forsi xi xkupi u boroz.

40/07/05 Il-Kunsillier Fenech ta dettalji dwar il-Milied fil-Pjazza li ser jiġi organizzata mis-Sotto Kumitat Żgħażagħ fil-15 ta' Diċembru. Hu qal li fost l-oħrajn ser jintrama l-presepju fil-pjazza, *bouncing castles* għat-tfal, ser jieħdu sehem il-banda u l-kor u l-għaqdiet tar-raħal ser ikollhom l-opportunita' li jarmaw *stands* fil-pjazza. Ser jippruvaw li tittella wirja ta' *vintage cars* u jinġieb il-*Blood Donation Unit*. F'din l-attivita' ser jinġabru fondi sabiex jingħataw lil Creche tal-Ursolini. Ser jiġi irranġat il-presepju minn Charlie Vella u għal dan il-għan ser tintuża s-*Searchlight Battery*. Il-Kunsill qabel unanimament ma dan kollhu. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħat li ġejjin.

40/07/06 Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat Żgħażagħ flimkien mal-Għaqda Dwal Ġodda ser jorganizza Halloween Party fis-*Searchlight Battery*. Is-*Searchlight Battery* ser tintrama għall-okkazzjoni fost l-oħrajn bil-manikkini. Din l-attivita' ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

40/07/07 Il-Kunsillier Alfred Muscat informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat għall-Anzjani u Persuni bi Bżonnijiet Speċjali ser jorganizza attivita' għall-anzjani fl-okkazjoni tal-Milied. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħat li ġejjin. Din l-attivita' ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

40/07/08 Il-Vici Sindku is-Sur Mark Azzopardi nforma lill-Kunsill fid-19 ta' Diċembru ser jorganizza mixja għall-Għar ta' San Brinkat. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħat li ġejjin. Din l-attivita' ġiet approvata unanimament mill-Kunsill.

40/07/09 Il-Kunsillier Vincent Galea nforma lill-Kunsill li l-attivita' li ġiet organiżżata għan-Notte

Bianca kienet suċċess. Issa ser jorganizza attivita' għall-Birgufest. Il-Kunsill unanimament approva din l-attivita'. Il-Kunsillier Christopher Fenech informa lill-Kunsill li hu personalment għal darbtejn (il-Ħadd u t-Tnejn) kien avviċina lill-President tas-Soċjeta' Filarmonika San Bartilmew u ħeġġu sabiex l-attivita' tan-Notte Bianca tiġi organizzata bejn il-Kunsill u s-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew u qallu sabiex ikellem lill-Kunsillier Vincent Galea ħalli jagħmel l-arranġamenti meħtieġa. Minkejja li l-President indika li kien qed jaqbel naqas milli jagħmel kuntatt mal-Kunsillier Galea. Dan ġie innotat mill-Kunsill.

40/07/10 Il-Viċi Sindku s-Sur Mark Azzopardi nforma lill-Kunsill dwar il-ħarġa li jmiss tal-Fuljett tal-Kunsill li titqassam fid-djar fl-ewwel gimgħa ta' Diċembru. Il-Kunsill unanimament qabel li kull Kunsillier jikteb messaħħ ta' pagna u jkun jista jinkludi ukoll xi ritratti, jiġi inkluz ukoll artiklu dwar Patri Gorg Bezzina u artiklu minn Giljan Aquilina dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-programm *Youth in Action*. Is-SE intalbet toħrog *works order* ta' dan il-fuljett lill-*printer*. Aktar dettalji jingħataw fil-laqgħat li ġejjin.

40/07/11 Il-Kunsill innota li jonqos li jitwaħħlu żewġ bankijiet ġodda fil-Pjazza. Il-Kunsillier Alfred Muscat ser jieħu ħsieb isegwi t-twaħħil ta' dawn iż-żewġ bankijiet.

40/08 **Aġġornament**

40/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20.42 ta' filgħaxija wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar l-Erbgha 16 t'Ottubru 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci**<br>**Sindku** | **Louise-Anne Gusman**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **16 t'Ottubru 2013**<br>**Data** |